l-egħdewwa bil-ħalfa ta' Kristu, jifirħu. Xinhu dan il-misterju?

Naħseb li ħadd ma jaf sewwa: imma jiena nistħajjlu bħal dawl, bħal baħar ta' dija nieżla mis-sema, li tħaddan kollox, timla kollox, issebbaħ kollox, issaħħaħ kollox; dija bħal dik tax-xemx li ma tistax taħrab minnha, għaliex fejn ma tasalx bid-dawl tasal bis-sħana, bil-qawwa tagħha li ssaffi, li ttuq, li tfejjaq, li tqawwi, li taħji, li tgħajjex; dija li tara kollox jitbiddel u jintemm maż-żmien, iżda hi la tintemm u la titbiddel.

Il-Ferħ tal-Milied hi l-Qawwa t'Alla li titwieled kull sena.

**Dun Karm**

## BJUDA

Għaddiet is-sħaba, s-sħaba bajdanija
li 'l-qamar satret; niżlu ħjut tax xita
kollha tal-fidda, w tħarrku donnhom b'seħer
susân u ġiżi.

Il-qamar raġa' deher mimli u mfaqqa',
abjad iżjed mis-silġ ta' l-Imalajja;
il-kwiekeb feġġu, bħal ferħ naħal, jiddu
dwar qolla mfid'da.

Dehret fil-baħar triq kollha djamanti:
minn ġewwa l-lewża li ftit ilu żahret
il-għasfur ta' bil-lejl iħoll għanjietu,
fl-egħlieqi mdawwla.

Ma' dwar il-barumbara li filgħodu
bajjad is-sid, il-ħamiem, abjad rieqed,
joħlom il-benna ta' rebbiegħa ħienja
ta' safa w bjuda.

27-X-32.

**A. Buttigieg**

# X'IGĦIDU L-GĦARAB FUQ MALTA

Il-Maltin ta' gżiritna, naħseb, ftit jew xejn jafu li l-isem ta' Malta m'hix ħaġa kbira fi lsien il-Għarab. F'din it-teftifa, kont ridt ngħidilkom xi żewġ ġrajjiet, minnhom jew le, ma nafx, fuq Malta, li jgħiduhom il-Għarab tal-Palestina, u nbagħad xi qawl jew tnejn li jgħiduhom ukoll huma fuq artna. Nibdew, kif għedna, mill-ġrajja; u ngħid ukoll kif smajtha.

Mela, nhar Sibt-il-Għid li għadda, kont qiegħed Ġerusalemm, fil-Knisja tal-Qabar ta' Kristu. Rani hemm Jagħkub, li meta kien tifel kont ngħallmu l-ingliż, u qalli biex qabel ma nitlaq ngħaddi għandhom. Minn rkejja fija kelli mmur, biex jewilla ma jagħmillix il-geddum, u kif kont qiegħed bil-qegħda għandhom, il-kliem waqa' fuq Malta.

Jagħkub kien qiegħed ifisser lil ommu li nies Malta huma nisel il-Fenikin, meta hi qabżet qalet "Ġiddti kienet tgħid li l-Maltin imnisslin minn nies li dari kienu jgħixu n-naħa ta' Betlehem." Tlabtha tgħidli kollox kif kienet qaltilha Ġiddta, u Warda, omm Jagħkub bdiet hekk:

"In-naħa ta' Betlehem, hemm għar kbir, u kif igħidu, għax jien ma rajtux, għad hemm miktub fuq il-bieb tiegħu dawn il-kelmiet: 'Aħna mlejna dan il-għar bi żbib iswed, imma intom anqas timlwh bit-tiben.' In-nies li kitbu dawn il-kelmiet kienu jgħixu bħall-Għarab, jiġifieri jgħammru f'għarejjex tax-xagħar, u jaħtru wieħed fosthom, li jarawh l-aktar għaqli, jaħkem fuqhom, li jsemmuh ix-'Xiħ' tagħhom. Kienu jirgħu l-għanem.

"Mela, darba waħda, dawn ir-ragħajja semgħu li ġejjin in-naħa tagħhom nies barranin, qattiela; għalhekk, marru għand ix-Xiħ biex jaraw x'igħidilhom jagħmlu, jekk jħejjux ruħhom biex jitqagħbdu mal-għorba, jew jiftiehmu magħhom. Ir-ragħajja kienu maqsumin fil-fehma; u għalhekk ix-Xiħ, ma riedx iżomm u la ma' dawn u la ma' dawk. Qalilhom: 'Għada fil-għodu tiġu u ntikom it-tweġiba. Ħalluni naħsibha ftit, tul il-lejl.'

"Il-għada filgħodu, malli sebaħ, marru għandu biex jaraw x'ser igħidilhom, imma baqgħu mgħaġġbin x'ħin id-dar tax-Xiħ, u la sabu lilu, u anqas lil ħadd minn għajltu. Stagħġbu l-aktar għax dejjem kienu jafuh b'raġel ta' kelmtu,